# IL-POETA RUŻAR BRIFFA (1)

## Tabib tal-ġilda magħruf bħala l-poeta taċ-ċokon

STEPHANIE CACCIATTOLO/scacciattolo@unionprint.com.mt





F'"Il-Ħajja ta' Rużar Briffa", Oliver Friggieri jagħti l-ħajja tal-poeta fil-qosor. Briffa twieled fis-16 ta' Jannar fl-1906 l-Belt. Huwa kien it-tieni fost seba' aħwa u kellu ġibda kbira lejn ommu. Minn età żgħira missuh id-dwejjaq hekk kif mietlu ħuh iż-żgħir b'marda kiefra u dan ħalla effett fuqu sa ma kiber. Sħabu tal-università jiddeskrivu lil Briffa bħala bniedem introvers (magħluq fih innifusu), iħobb joqgħod waħdu, dejjem ħosbien, rari jitbissem, karattru debboli iżda qalbu kbira.

L-iktar ħaġa li kienet tispikka fih kienet is-sikta li kien iġorr miegħu, li fuq kollox hi marbuta mas-solitudni tiegħu. Din is-solitudni hi parti minnu u tidher sew fil-poeżiji kollha fuq medda ta' żmien. Kien bniedem sensittiv li għadda minn ħafna esperjenzi koroh waqt it-tiftixa għall-imħabba.

Briffa kien ifittex postijiet għall-kwiet biex jintilef fil-fantasija u ħolm li kienu jqanqlu ġewwa fih nostalġija għal tfulitu. Il-postijiet solitarji li kien ifittex kienu ġonna, monasteri u xi mkien li jkun 'il bogħod min-nies. Il-ġonna kienu l-favuriti tiegħu u qatta' ħafna ħin jimmedita fihom. Huwa sa anki ltaqa' mal-ewwel mara, Constance Dunn, fil-Mall tal-Furjana.

Din l-għerusija ma' Constance kienet diffiċli minħabba t-twemmin Anglikan tagħha. Dan l-inkwiet jidher fil-versi fejn isemmi li l-familjari u n-nies ippruvaw jifirduhom. F'waqtiet oħrajn juri wkoll dubji jekk Constance kinitx tassew tħobbu. Il-firda minn ma' martu seħħet meta din mardet b'marda kiefra u mietet fl-1950 meta kien għad kellha 48 sena.

Briffa kien jiżvoga fis-sigaretti, li spiċċaw kienu l-kaġun tat-tmiem ta' ħajtu fit-22 ta' Frar fl-1963.

Ħames snin qabel in-niket minħabba l-mewt ta' Constance, Briffa bħala tabib tal-ġilda kien jara ħafna morda bil-lebbra l-aktar matul il-pesta tal-1936-1937. Hu dewwa n-nies morda anki fl-Indja fejn dam tliet xhur u reġa' ġie Malta biex wara ftit faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

Hekk kif spiċċat il-gwerra reġgħet tfaċċat il-pesta. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru kif Briffa għadda minn kriżi għal oħra. Dawn il-kriżijiet ġagħluh jiddubita fil-jien ġewwieni tiegħu kemm bħala poeta u kemm bħala tabib.

Fl-1952 il-ħajja ta' Briffa qalbet għall-aħjar hekk kif iltaqa' mat-tieni mara tiegħu, Louisette Attard Bajona. Din l-imħabba salvatu mis-solitudni u l-kriżi eżistenzjali għal perjodu qasir. Wara biss disa' snin ma' Louisette, Briffa miet bil-kanċer. L-aħħar poeżija li kiteb turi l-ħasda tiegħu għax kellu jimrad hekk kif fl-aħħar sab il-kuntentizza: "Sajjetta bla ħsieb / Fid-dalma ta' lej'".

Il-jum tal-funeral tiegħu kien temp ikrah iżda hekk kif niżżluh fil-qabar, it-temp ibbnazza. Jista' dan ikun sinjal li l-poeta mnikket fl-aħħar sab is-serħan ta' ruħu b'turija tat-temp?

Briffa huwa meqjus bħala l-poeta taċ-ċokon minħabba l-kriżi eżistenzjali iżda b'fidi qawwija Nisranija, bħala poeta liriku u bħala poeta taż-żmien u l-ispazju għax il-kitbiet tiegħu juru l-meta u l-fejn. Il-postijiet solitarji li kien ifittex jixhdu li Briffa kien vittma tas-solitudni li qabelxejn kienet tagħti xeħta malinkonika lil kulma jikteb.

L-ewwel poeżija li kiteb jisimha "Lacrymae Rerum", li tfisser id-dmugħ li tibki l-qalb, meta kien għad kellu biss 18-il sena. Jitkellem dwar id-diq tal-ħajja f'din l-età bikrija u jitbiegħed min-nies billi jmur ħdejn ix-xtajta għall-kwiet: "Fi xtajta mwarrba fejn il-ħoss le jilħaq". Il-mewġ kalm jiċċaqlaq iqabblu ma' "għaja" kbira filwaqt li qed "jitbekka" ma' kull ċaqliqa minħabba l-isforz tal-moviment. It-telqa tal-moviment tal-mewġ hija mera tas-sentimenti u l-ħsibijiet tal-poeta li jissarrfu f'għaja hekk kif jipprova jifhem il-ħajja. Briffa jara xbejba qed tibki u għandha x-xewqa għall-imgħoddi tbehren f'qalbha. Din it-tfajla titbekka minħabba l-illużjoni tal-ħajja għax fit-tfulija kollox jidher sabiħ iżda fiż-żgħożija l-ħajja turi wiċċ ieħor.

L-illużjoni tax-xewqa li fil-ġejjieni kollox jaqa' f'postu mhi xejn għajr illużjoni tat-tfulija. Il-poeta jitwaħħad mat-tfajla fil-ħsibijiet u jispiċċa biex hu wkoll bħalha u bħall-baħar jitbekka l-imgħoddi:

"U qalbi ħabbtet mat-taħbit tal-baħar
fil-bikja kbira li ma tafx mistrieħ;
ħassejt id-diqa ta' kull ħaġa żejda,
il-qerq tal-ħajja. Il-gidba kiefra u sħiħa
tal-Ħolma tagħna li ma seħħet qatt"

Lill-poeta rikbuh id-dwejjaq l-iżjed minħabba l-ħolma qarrieqa tas-sejba tal-kuntentizza fil-ħajja. Minkejja t-tama tat-tfulija, il-poeta jirrealizza li l-ħolma mhi xejn ħlief ħolma fiergħa. Il-fissazzjoni ta' din il-ħolma tidher fl-aħħar vers ta' kull strofa għax isemmi l-ħsieb fiss tal-ħolma li ma seħħet qatt.

L-illużjoni tal-ħajja u l-għaja imqanqla mit-tiftixa tal-kuntentizza jkomplu jidhru fil-poeżija "Swied il-Qalb". Il-poeta jinsab imnikket hekk kif jistqarr li l-ħajja hi vojta, hi biss illużjoni u bla skop. Briffa josserva affarijiet li qabel kienu fl-aqwa tagħhom iżda maż-żmien spiċċaw, bħall-knejjes u l-ibliet, u x-xjuħ għajjenin.

Fl-aħħar tmien versi Briffa jagħti xejriet umani lill-qamar solitarju fiċ-ċimiterju li għaraf il-frugħa tal-ħajja iżda dejjem jittama fl-eternità. Il-ħsibijiet tal-qamar huma leħen il-poeta li qata' qalbu mid-dinja reali iżda xorta waħda jittama fil-ħajja eterna li xi darba għad toffrilu l-mistrieħ li jixtieq:

"Il-qamar li, waħdieni,
Sa minn kmieni
Għaraf tal-ħajja d-dramm,
Tal-mewt ħall il-misteri.
U nħoss li għalxejn il-Ħajja,
U kollha frugħa l-ġrajja,
U kollox illużjoni
Ħlief it-triq l-Eternità"

Id-dwejjaq tal-poeta jkomplu jidhru fil-poeżija "Tristis Es Anima Mea". It-titlu miktub bil-Latin ifisser "id-dwejjaq li għandi f'qalbi". Briffa jagħmel użu mill-intertestwalità (jorbot dak li qiegħed jgħaddi minnu ma' ġrajjiet mill-Bibbja) bil-ġrajja ta' Kristu fil-Ġetsemani fejn jgħid li kien waħdu, ħadd ma sema' d-dwejjaq li kellu u sa anki sħabu ċaħduh u spiċċa biex ġie msallab. Il-poeta qiegħed iqabbel it-tbatija ta' Kristu mat-tbatija tiegħu. In-nies ċaħdu lil Kristu għal elfejn sena, għaliex m'għandhomx jiċħdu lilu li hu biss poeta li ma jifhmuhx?

Il-poeżija tagħlaq bil-ħsieb li n-nies ma nbidlux minn żmien Kristu iżda baqgħu ipokriti. Matul l-ewwel u t-tieni strofa l-poeta jirrepeti l-kelma "waħdu" biex jikxef is-solitudni li ġarrab Kristu u li qiegħed iġarrab hu elfejn sena warajh.

*Ikompli l-ġimgħa d-dieħla*